# L-UĊUH KOLLHA

OLIVER FRIGGIERI

Met'għad jitkellmu f'daqqa l-uċuh kollha
li hemm ġo moħħi, qabar ġdid li jesa',
ikun l-aħħar tad-dinja, u jien nitfarrak
kif waqa' l-ogħla bini fl-aħħar gwerra.
Met'għad jitkellmu tisma' geġwiġija
t'orkestra bla surmast u repertorju,
u tħoss l-art taħtek terrimot jitriegħed
għaliex saqajhom dejjem isabbtuhom
u ma jafux jipprotestaw mod ieħor.

Met'għad jitkellmu tersaqx iżjed lejja
għaliex kull wieħed jonfoħ ġewwa fija
bil-qawwa ta' l-orakli meta jidgħu.
Imbagħad tkun tista' tara l-pjan t'elf storja,
imbagħad tkun tista' tmiss il-kranju mxaqqaq,
u mbagħad tkun tista' tkanta l-għanja tiegħek,
met'għad jitkellmu.

27/10/73